MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 267/2013

Xuereb **Installations Limited**

**(C 15321)**

**vs**

**DIS Companies Limtied**

**(C 47833)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-12 ta’ Settembru 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ sitt elef (€6,000) rapprezentanti l-import ta’ cekkijiet li ma ssarfux u li gew ikkonsenjati mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici bhala hlas ta’ bilanc dovut lis-socjeta attrici minnsomma akbar u dovuta ghal spejjez u prezz ta’ xoghol ta’ cement board flat ceilings imwettaq mill-istess scjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 311/13 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju u l-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju intavolati kontestwalment u bl-imghax kummercjali mit-8 ta’ Awissu 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimati fil 25 ta’ Settembru 2013 (fol 4 tergo).

Illi fis-seduta ta’ l-4 ta’ Ottubru 2013 il-partijiet gharrfu lill-Qorti li qed jippruvaw jittransigu l-kaz.

Illi fis 7 ta’ Marzu 2014, minkejja li saru erbgha differiment, ir-rappresnetant tas-socjeta attrici gharraf illi saru xi pagamenti izda l-

import dovut ma thallasx u ghalhekk ghamel nota ta' riduzzjoni ghas-somma tlett elef Euro (3,000) (fol 13) filwaqt illi pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 14).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2014 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deher ebda rappresentant, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef (€3,000) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------